# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 30 ta' Gunju 2016**

**Kawza Numru : 34**
**Rikors Guramentat Numru : 1160/2015/LSO**

**Antonia sive Sabrina Garrett 241369(M)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Sabrina Garrett 241369(M) datat 9 ta' Dicembru 2015 fejn esponiet: -

Illi fic-certifikat tat-twelid tar-rikorrenti mahrug mir-Registratur Pubbliku bin-numru: tnejn, erbgha, wiehed, tlieta 2413 tas-sena 1969 mmarkat 'Dok SG 01' l-isem taghha, fil-kolonna 'isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' jidher erronjament bhala l-isem: 'Antonia' minnflok l-isem 'Sabrina';

Illi minn meta twieldet ir-rikorrenti dejjem kienet maghrufa bl-isem ta' 'Sabrina' u konsistentement kienet imsejha u maghrufa bih u dan kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi kemm il-genituri, familjari u hbieb ta' l-istess rikorrenti jafuha bl-isem Sabrina u dan huwa rifless fid-dokumenti ufficjali mahruga mill-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta, kif ukoll dokumentazzjoni mahruga mill-Employment and Training Corporation, mill-Malta College of Arts, Science and Technology, l-lttra ta' referenza wara l-impjieg li kellha r-rikorrenti mal-Ministeru tas-Sahha u mid-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali, liema dokumenti huma mmarkati "Dok SG02, SG03, SG04, SG05 u SG06" rispettivament.

Illi nonostante cioe' l-att ta' twelid tar-rikorrenti juri l-isem "Antonia";

Illi tali inkonsistenza kkawzat u qed tikkawza diffikultajiet prattici lir-rikorrenti;

Illi l-rikorrenti ghandha interess skont il-ligi, *inter alia ai termini* ta' l-artikolu 253 tal-Kap 16, li ssir d-debita korrezzjoni;

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghid l-intimat ghaliex din l-Onorabbli Qorti, m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara li l-isem li bih ir-rikorrenti hija konsistenement maghrufa huwa "Sabrina" u mhux "Antonia";

2. Tordna sabiex jikkoregi c-certifikat tat-twelid, mmarkat 'Dok SG 01' minnu mahrug, bin-numru tnejn, erbgha, wiehed, tlieta 2413 tas-sena 1969, fis-sens illi fil-kolonna intestata "isem jew ismijiet li bih/bihom it-tarbija ghandha tigi msejha' l-isem "Antonia" jigi kkancellat u sostitwit bl-isem 'Sabrina';

3. Tordna li jsiru l-korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens illi kull fejn hemm isem ir-rikorrenti li huwa indikat bhala "Antonia" jidhol minnflok l-isem "Sabrina".

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-16 ta' Frar 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 11 ta' Jannar 2016 (fol 19) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta' l-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma dan li ġej:

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara, fl-ewwel lok huwa essenzjali għall-integrità tal-ġudizzju li r-rikorrenti titlob bl-applikazzjoni tal-**Artikolu 175 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta,** korrezzjoni fl-okkju ta' din il-kawża fis-sens li hija għandha tidher bħala *'Garrett Antonia sive Sabrina'* u mhux *'Garret Sabrina' stante* li l-isem *'Sabrina'* ma jappartjenix lilha skont kif jirriżulta mill-Att tat-Twelid tagħha bin-numru tal-iskrizzjoni elfejn, erba' mija u tlettax (2413) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sittin (1969), hawn anness u mmarkat 'Dok DRP 1';

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost u fil-mertu, l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esibiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħedhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw li l-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala 'Sabrina' hekk kif jeżiġi l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Għalhekk magħdud

mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tressaq <u>xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits</u> ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha ossia li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala 'Sabrina' u mhux 'Antonia';

4. Illi madankollu, mingħajr preġudizzju għall-premess, l-esponent jeċċepixxi illi mhuwiex minnu li l-isem tar-rikorrenti ġie mniżżel erronjament bħala 'Antonia' minflok l-isem 'Sabrina', hekk kif tallega r-rikorrenti fir-rikors in risposta, iżda effettivament hija ġiet reġistrata oriġinarjament bl-isem ta' 'Antonia'. Dan *stante* li kif jidher minn fuq l-Att ta' Twelid originali tar-rikorrenti, datat erbgħa u għoxrin (24) ta' Ġunju, tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sittin (1969) u li jġib in-numru ta' iskrizzjoni ta' elfejn, erba' mija u tlettax (2413) tas-sena elf, disa' mija, disgħa u sittin (1969), [*meħmuż ma' din ir-risposta bħala 'Dok DRP 1'*] kienet propju l-omm tar-rikorrenti, cioè Carmen Cassar, illi kienet id-dikjaranta li tat l-informazzjoni kollha li hemm kontenuta fl-imsemmi Att ta' Twelid, inkluż l-isem tar-rikorrenti, u saħansitra ffirmat dan l-istess att bħala wieħed korrett, allura jidher illi aċċettat l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-att innifsu;

5. Illi għaldaqstant, bla ħsara għas-suespost, l-esponent ma ssibx oġġezzjoni għall-korrezzjonijiet kif mitluba fir-rikors in risposta salv però li r-Reġistru Pubbliku m'għandux jinżamm responsabbli ta' din l-allegata diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti *stante* illi r-rikorrenti kienet oriġinarjament reġistrata bl-isem 'Antonia' għaliex tniżżlet

skont ma kienet iddikjarat omm ir-rikorrenti Carmen Cassar, bħala d-dikjaranta fuq l-att tat-twelid tar-rikorrenti. Dan *stante* li l-atti rispettivi, qabel ma jgħaddu għar-reġistrazzjoni, jiġu mogħtija lil min ikun għamel in-notifika sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija korretta u jiffirma l-att. Illi b'hekk l-isem tar-rikorrenti huwa reġistrat mar-Registru Pubbliku bħala 'Antonia' u ma jirriżultax li sar xi nuqqas min-naħa tar-Reġistru Pubbliku u għaldaqstant m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti;

6. Illi mingħajr preġudizzju, sabiex ikun hemm bdil f'kull att ieħor tal-istat ċivili a tenur tal-**Artikolu 253 (3) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**, hekk kif ġie propost fit-tielet talba tar-rikors in risposta, ir-rikorrenti għandha tispeċifika n-numru u s-sena tal-atti tal-istat ċivili li hija qiegħda tagħmel riferenza għalihom;

7. Illi inoltre, bla preġudizzju, fit-talbiet tagħha r-rikorrenti ma talbietx sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. L-esponent umilment jirrileva illi huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li huwa vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili *a tenur* ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. Għaldaqstant it-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk li t-talbiet tar-rikorrenti f'dan ir-rigward għandhom isiru b'mod li jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija rikjesta fl-att tat-twelid tar-rikorrenti;

8. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

9. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

10. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qiegħda tiġi inġunta in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta' Frar 2016 fejn Dr Mark Mifsud Cutajar talab korrezzjoni fl-okkju sabiex jinqara "Antonia sive Sabrina". It-talba mhix opposta. Il-Qorti ordnat il-korrezzjoni tar-rikors guramentat u kull fejn hu mehtieg, u d-difensur tal-intimat laqghet ir-rikors kif korrett minghajr il-htiega ta' notifika ulterjuri. B' hekk hija sollevata din l-eccezzjoni tal-intimat; u rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 5 ta' Mejju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret l-attrici u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Il-kawza giet posposta ghall-11:45a.m. Meta regghet issejhet il-

kawza dehret ir-rikorrenti assistita minn Dr Mark Mifsud Cutajar u Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat. Dr Borg *in visto* tar-rinunzja vverbalizzata fis-seduta tad-19 ta' April 2016, iddikjarat li m'ghandhiex provi ulterjuri u rremettiet ruhha ghar-risposta minnha prezentata. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Gunju 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din it-talba qed issir *ai termini* tal-**artikolu 253** *et sequitur* tal-Kodici Civili li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet tal-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254** saret debitament skont il-Ligi fl-10 ta' Dicembru 2015 (fol 17-18) u ghalhekk l-ewwel eccezzjoni hija sorvolata.

Jirrizulta li saret talba ghall-korrezzjoni fl-okkju sabiex isem l-attrici jinqara "Antonia sive Sabrina", liema talba giet milqugha. Ghalhekk, it-tieni eccezzjoni tal-intimat hija sorvolata.

Id-Direttur intimat, eccepixxa wkoll li l-attrici ma ghamlitx talba sabiex l-ordni ssir lid-Direttur tar-Registru Pubbliku. Illi kkonsidrat li l-ommissjoni ta' talba *ad hoc* biex id-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel it-tiswija mitluba mill-attrici,

ma ggibx in-nullita` jew l-irritwalita` tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza l-aktar recenti, l-Qorti ghandha fejn tista' ssewwi zbalji f'atti gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza. Huwa car ukoll, li *stante* li l-attrici qed tinvoka l-artikolu 253(2) tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, jsegwi li jekk il-Qorti tilqa' t-talba atrici, ghandha tipprocedi billi taghti l-ordni lill-intimat biex jaghmel il-korrezzjoni mehtiega. B'hekk din l-eccezzjoni hija wkoll sorvolata.

Bl-istess mod, in-nuqqas tal-attrici, fir-rikors promotur, li tispecifika n-numru u s-sena tal-att tal-istat civili li qed issir referenza ghalih, ma jgibx l-irritwalita` tar-rikors. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tal-intimat, hija wkoll sorvolata.

Illi l-attrici qed taghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid taghha sabiex l-isem "Antonia" hemm registrat bhala isimha jigi korrett u sostitwit bl-isem "Sabrina" u dan a bazi tal-artikolu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi fil-mertu, l-attrici ghandha tipprova a sodisfazzjon tal-Qorti li kienet u hija maghrufa bhala "Sabrina". Difatti, hija esebiet dokumenti mar-rikors promotur, bhal dokument ta' "counterpart driving Licence", dokument tal-ETC, certifikat tal-MCAST, u dokumenti ohra relatati mal-impjieg taghha, **Dok SG 02 sa SG 06** (fol 5-9), fejn hija maghrufa konsistentement bl-isem "Sabrina".

Inoltre`, l-attrici xehdet permezz ta' affidavit fejn ikkonfermat bil-gurament li dejjem kient imsejha bl-isem

"Sabrina", ghalkemm spjegat li din kienet decizjoni konxja taghha li ma tirrispondix ghall-isem ta' "Antonia" *stante* li dan l-isem ma kienx joghgobha. Ohtha, Svetlana Cassar li semmiet li hi tlieta u ghoxrin sena izghar, u ikkonfermat li minn dejjem tiftakar lil ohtha msejha bl-isem ta' "Sabrina". L-istess gie kkonfermat minn ohtha Rose Oueslati Cassar, li semmiet li hi tmien snin izghar mill-attrici, u dejjem tiftakar lil ohtha msejha bhala "Sabrina." Xehdet ukoll permezz ta' affidavit, omm l-attrici, Carmen Cassar, li kkonfermat li l-isem li rregistrat lill-attrici kien ta' "Antonia", izda, t-tifla taghha meta bdiet tikber qaltilha li ma tridx tissejjah bhala "Antonia", izda bhala "Sabrina."

Illi fid-dawl ta' dawn l-affidavits, u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li l-attrici rnexxielha tipprova li hija konsistentement kienet maghrufa, bl-isem "Sabrina" minn meta saret "teenager" sal-lum il-gurnata, u t-talba taghha hija ghalhekk gustifikata skont il-ligi.

Ikkonsidrat li ghal dak li jirrigwarda l-mertu, dak dikjarat fir-rikors promotur mhuwiex ikkontestat. Ghaldaqstant, id-direttur intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Ikkonsidrat ukoll, li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza, peress li agixxa fuq l-istruzzjonijiet tad-dikjarant meta rrilaxxa c-certifikat tat-twelid u ffirma u kkonferma l-korrettezza tal-informazzjoni moghtija, u li din kienet proprju omm ir-rikorrenti (Dok DRP 1) (fol 24). Inoltre`, hekk kif jirrizulta mill-atti tal-kaz, ma kien hemm l-

ebda zball fir-registrazzjoni fil-kaz odjern, *stante* li kemm l-attrici u kemm ommha ikkonfermaw li l-isem li nghata lill-attrici kien ta' "Antonia". Izda, l-attrici ma riditx li tibqa' tissejah b'dan l-isem sa minn tfulitha.

Fid-dawl tal-premess, il-Qorti hija tal-fehma li t-talbiet tar-rikorrenti huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu milqugha salv ghall-kap tal-ispejjez.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li tiddisponi mill-eccezzjonijiet tal-intimat kif spjegat, tilqa' t-talbiet attrici billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tddikjara li l-isem li bih l-attrici hija konsistentement maghrufa huwa "Sabrina" u mhux "Antonia".

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat biex jikkoregi c-certifikat tat-twelid **Dok SG1** bin-numru tnejn, erbgha, wiehed, tlieta, 2413 tas-sena 1969 fis-sens li fil-kolonna intestata "Isem li bihom it-tarbija ghandha tigi msejha", l-isem "Antonia" jigi sostitwit bl-isem "Sabrina".

3. Tilqa' t-tielet talba u tordna li jsiru korrezzjonijiet fid-dokumenti pubblici fejn jidher isem ir-rikorrenti fis-sens, li fejn jidher l-isem "Antonia", dan ghandu jigi sostitwit bl-isem "Sabrina".

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**30 ta' Gunju 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**30 ta' Gunju 2016**